Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,208, 6 ta' Ġunju, 2019

Taqsima B

A.L. 116 tal-2019

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas Lura Lil Persuni Mhux Residenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 71 u 75 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas Lura Lil Persuni Mhux Residenti) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas Lura Lil Persuni Mhux Residenti) hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 406.13.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira ""vjaġġatur mhux residenti" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

""vjaġġatur mhux residenti" tfisser vjaġġatur li d-domiċilju tiegħu jew ir-residenza fejn soltu jgħix ma jkunux jinsabu ġewwa l-Komunità.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "ma jkunx ta' anqas minn mitt euro (€100)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jkunx ta' anqas minn ħamsin euro (€50)".